**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 20 ta' Mejju 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**
**(Spettur Lydon Zammit)**

**Vs**

**Mohammed Kim**
***Omissis***

**Kump. Nr. 280/2019**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Mohammed Kim** bin-numru tal-Pulizija 18U-039 u ***Omissis*,** gew akkuzati talli nhar it-22 t' April 2019, għall-ħabta tad-21.30hrs fi Triq San Tumas ġewwa Hal Tarxien:

1. ikkommettew serq ta' flus u mobile phone ghad-dannu ta' Tyrese Sciberras, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, bil-valur u bil-hin: Art 261(a)(c)(f), 262(1)(b) ,267, 270, 275, 277(a) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

2. Fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li

tarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Tyrese Sciberras ta'16 il-sena kontra l-volonta' tiegħu; Artikoli 86, 87(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Lil **Mohammed Kim** wahdu nakkuzawh talli:

1. Fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, garr 'il-barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellu licenza jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija skond Artikoli 51(7) u 55(a) tal-Kap 480 tal-ligijiet ta' Malta

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' ħtija tikkundanna lill-akkuzat għall-ħlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Semghet lill-ufficjal prosekutur bil-gurament;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tal-10 ta' Mejju 2019 (ara *folio* 10) sabiex din il-kawza titmexxa bil-procedura sommarja

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Rat fuq kollox il-verbal tas-seduta tal-lum stess fejn, *inter alia*, l-imputat ammetta ghall-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u kompla jinsisti fuq din l-ammissjoni anki wara li l-Qorti taghtu zmien biex jahsibha skond il-ligi;

Semghet lill-ufficjal prosekutur u lid-difensur tal-imputat jaghmlu sottomissjonijiet dwar il-piena;

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew il-provi dokumentarji migjuba, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu gew sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandhiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta' htija relattiva.

**Ikkunsidrat**;

In tema ta` piena din il-Qorti qed tikkonsidra:

1. il-fattur tal-ammissjoni tal-imputat fi stadju tant bikri tal-proceduri;
2. il-fedina penali nettissima tieghu esebita in atti;
3. id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 37 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta peress li l-imputat ma kienx ghadu ghalaq l-eta ta' 18-il sena fil-gurnata tal-kommissjoni tar-reat;
4. in-natura serja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat;

**Decide;**

**GHAL DAWN IL-MOTIVI L-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 37, 86, 87(1)(e), 261(a), (c), (f), 262(1)(b), 267, 270, 275 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 51(7) u 55(a) tal-Kap 480 tal-ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni tieghu stess, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah ghall-piena komplessiva ta' disa (9) xhur prigunerija.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur